MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2012

Numru. 829/2011

Il-Pulizija
(Sp Malcolm Bondin)
vs
Gaetan Gatt, iben Lawrence, imwieled Pieta' fid-29 ta' Ottubru, 1971, Karta ta' l-Identita numru 5372(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fil-31 ta' jannar, 2011 ġewwa Metro Beverages, Triq San Ġorġ, San Ġiljan, b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ b'qerq ta' aktar minn €232.94, iżda mhux aktar minn

€2,329.37 għad-dannu ta’ Metro Beverages, Triq San Ġorġ, San Ġiljan.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta’ Frar, 2012 fejn il-Qorti ġiet infurmat li
l-ammont dovut lill-Metro Beverages hu ta’ €360 u din is-somma ġiet konsenjata lill-uffiċjal tal-ħabs biex tiġi konsenjata lill-Metro Beverages.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta’ Frar, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 308 u 310(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijjiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------